MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Numru 463/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Aquilina u
Sp Malcolm Spiteri)
vs
Abdul Basset Rumdal, iben Rumdal, imwieled Libya
Fit-2 ta' mejju, 1982
u
Ammar Ali Shtewi, iben Ali,
imwieled Libya fl-24 ta'
novembru, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fit-23 ta' mejju, 2005 u fix-xhur ta' qabel f'Wied il-Għajn u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

b'egħmil żieni, ikkorompew lill-persuni taħt l-eta' u cioe' lil Trisa Abela, minorenni ta' sittax il-sena, u lil Chantel Abela, minorenni ta' ħmistax il-sena;
lil Abdul Basset Rumdal waħdu –
talli żamm, ġarr jew kellu fil-pussess tiegħu arma li taqta' u bil-ponta mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' mejju, 2005 fejn l-imputati ammettew l-akkużi rispettivi tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi rispettivi miġjuba kontra tagħhom.  Fil-każ ta' Abdul Basset Rumdal, rat l-artikoli 203(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fi zmien erba' snin mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fil-każ ta' Ammar Ali Shtewi, rat l-artikoli 203(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 28A
tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fi zmien erba' snin
mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------